Iżomm/iżżomm rekords, bażijiet ta' data u dokumentazzjoni diġitali u fiżiċi preċiżi u aġġornati relatati mal-operati u l-programmi tal-istrateġija, inklużi dokumentazzjoni dwar prokuramenti, kuntratti, fatturi, ħlasijiet, rekords ta' rappurtar, żburżar ta' fondi, u dokumentazzjoni ta' konformità f'konformità mal-proċeduri tal-KMA u r-rekwiżiti regolatorji;

J/tgħin fil-kordinazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-inizjattivi tal-KMA billi j/tappoġġja sistemi ta' tracking tal-proġetti, iżomm/iżżomm għodod ta' rappurtar u rekords tad-data, j/tiġbor informazzjoni operattiva, u j/tikkontribwixxi għall-identifikazzjoni ta' titjib fil-proċessi, fl-effiċjenza u fil-konformità;

J/tikkomunika mal-organizzazzjonijiet kulturali pubbliċi (PCOs), id-dipartimenti tal-KMA, il-benefiċjarji, l-applikanti, il-kollaboraturi, il-konsulenti, il-forniturі tas-servizz, u ma' partijiet interessati oħrajn biex j/tappoġġja l-kordinazzjoni tal-programm, il-fluss tal-informazzjoni u relazzjonijiet professjonali pożittivi;

sectors, and gain hands-on experience in cultural strategy and public administration.

Main Duties and Responsibilities

Provide comprehensive coordination, operational and administrative support to the Strategy Team, contributing to the effective planning, implementation and delivery of ACM's strategic programmes, initiatives, projects, partnerships, and related activities;

Coordinate the day-to-day administration and operational processes of assigned strategy programmes and initiatives, including implementation support, procurement of services, contracting, reporting, documentation management, and compliance with ACM policies and Government procedures;

Support the monitoring of programme and project timelines, deliverables, and workflows in collaboration with Strategy Team members, while proactively liaising with internal and external stakeholders to facilitate smooth implementation and timely delivery;

Manage correspondence, requests, and enquiries related to strategy initiatives in a professional, efficient and solution-oriented manner;

Maintain accurate and up-to-date digital and physical records, databases, and documentation relating to strategy operations and programmes, including procurement documentation, contracts, invoices, payments, reporting records, funding disbursements, and compliance documentation in accordance with ACM procedures and regulatory requirements;

Assist in the coordination, monitoring, and evaluation of ACM initiatives by supporting project tracking systems, maintaining reporting tools and data records, compiling operational information, and contributing to the identification of improvements in processes, efficiency and compliance;

Liaise with public cultural organisations (PCOs), ACM departments, beneficiaries, applicants, collaborators, consultants, service providers, and other stakeholders to support programme coordination, information flow and positive professional relationships;

J/tappoġġja t-tħejjija u l-kordinazzjoni ta' kontenut u materjali relatati mal-istrateġija għall-pubblikazzjonijiet, rapporti, preżentazzjonijiet, aġġornamenti tas-sit web, avvenimenti, eżiti ta' riċerki u għall-kanali ta' komunikazzjoni tal-KMA, inkluż il-midja soċjali, fejn meħtieġ;

J/tikkordina arranġamenti loġistiċi u organizzattivi relatati mal-attivitajiet tal-istrateġija, inklużi laqgħat, workshops, konsultazzjonijiet, avvenimenti, arranġamenti għal vjaġġar, agendas, minuti u dokumentazzjoni ta' appoġġ;

J/tiżgura li jkun hemm kunfidenzjalità, integrità u trattament sigur tal-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha tal-programm u dawk operattivi u amministrattivi skont il-politiki tal-KMA, ir-rekwiżiti tal-GDPR u l-leġiżlazzjoni rilevanti;

I/twettaq kwalunkwe dmirijiet oħrajn ta' kordinazzjoni u amministrazzjoni relatati mat-tim tal-istrateġija, inkluż l-iskedar u l-organizzazzjoni ta' laqgħat, it-tħejjija ta' aġendi u ta' dokumentazzjoni ta' appoġġ, u l-kordinazzjoni ta' arranġamenti ta' vjaġġar, kif jista' jiġi assenjat b'mod raġonevoli mid-Direttur (Strateġija) u/jew il-Kap (Strateġija).

Dmirijiet Oħrajn, kif Assenjati

L-għan ta' din id-deskrizzjoni tax-xogħol hu li jagħti ħarsa ġenerali tal-iskop u l-firxa ġenerali ta' dmirijiet li għandhom jitwettqu mill-Kordinatur/triċi tal-Appoġġ u m'għandhomx jitqiesu bħala lista kompluta ta' responsabbiltajiet. Ir-rwol u r-rekwiżiti tiegħu jistgħu jiġu riveduti minn żmien għal żmien u jistgħu jiġu emendati fid-dawl tal-ħtiġiet operattivi, l-iżviluppi organizzattivi, u l-esperjenza, f'konsultazzjoni mal-Kordinatur/triċi tal-Appoġġ.

Il-fornitur tas-servizz li j/tintagħżel se j/tkun meħtieġ/a j/taħdem 40 siegħa kull ġimgħa u se j/tkun ibbażat/a primarjament fl-uffiċċji tal-Kunsill Malti għall-Arti fl-Imrieħel. Ir-rwol jinkludi arranġamenti flessibbli ta' xogħol u jista' jirrikjedi l-proviżjoni ta' servizzi barra mill-ħinijiet standard tax-xogħol, inkluż filgħaxijiet u f'ħinijiet oħrajn mhux skedati, skont l-esiġenzi operattivi u r-rekwiżiti tal-programm.

Jingħata taħriġ xieraq, onboarding u gwida dwar il-proċeduri tal-KMA, is-sistemi interni, l-istrutturi governattivi, u l-proċessi u r-regolamenti applikabbli tas-Settur Pubbliku.

Kwalifiki, Ħiliet u Esperjenza Meħtieġa

Sad-data u l-ħin tal-applikazzjoni, il-kandidat/a irid ikollu/ikollha fil-pussess tiegħu/tagħha l-kwalifiki u l-esperjenzi deskritti hawn taħt, bħala minimu:

Support the preparation and coordination of strategy-related content and materials for ACM publications, reports, presentations, website updates, events, research outputs, and communication channels, including social media where required;

Coordinate logistical and organisational arrangements related to strategy activities, including meetings, workshops, consultations, events, travel arrangements, agendas, minutes and supporting documentation;

Ensure the confidentiality, integrity, and secure handling of all programme, operational, and administrative information and documentation in line with ACM policies, GDPR requirements and relevant legislation;

Carry out any other coordination and administrative duties related to the strategy team, including scheduling and organising meetings, preparing agendas and supporting documentation, and coordinating travel arrangements, as may reasonably be assigned by the Director (Strategy) and/or Head (Strategy).

Other Duties as Assigned

This job description is intended to outline the general scope and range of duties to be performed by the Support Coordinator and should not be regarded as an exhaustive list of responsibilities. The role and its requirements may be reviewed periodically and may be amended in light of operational needs, organisational developments, and experience, in consultation with the Support Coordinator.

The selected service provider will be required to work 40 hours per week and will be primarily based at the offices of Arts Council Malta in Mrieħel, Birkirkara, Malta. The role includes flexible working arrangements and may require the provision of services outside standard working hours, including evenings or other unscheduled times, according to operational exigencies and programme requirements.

Appropriate training, onboarding, and guidance will be provided on ACM procedures, internal systems, governance structures, and applicable Public Sector processes and regulations.

Qualifications, Skills and Experience Required

By the time of application, the candidate must be in possession of the below qualifications and experience as a minimum:

Kwalifika b'Diploma ta' Livell 5 tal-MQF (minimu ta' 30 ECTS), jew kwalifika xierqa, kumparabbli rikonoxxuta fl-Arti u/jew il-Ġestjoni tal-Kultura, l-Industriji Kreattivi u/jew l-Intraprenditorja, fil-Business Management u/jew l-Amministrazzjoni jew oqsma rilevanti,

JEW

Kwalifika postsekondarja ta' Livell 4 tal-MQF (minimu ta' 60 ECTS) jew kwalifika xierqa, kumparabbli rikonoxxuta fl-Arti u/jew il-Ġestjoni tal-Kultura, l-Industriji Kreattivi u/jew l-Intraprenditorja, fil-Business Management u/jew l-Amministrazzjoni.

Esperjenza ta' xogħol rilevanti tiġi kkunsidrata bħala vantaġġ.

Applikanti li għandhom kwalifiki barranin huma meħtieġa li jipproduċu dikjarazzjoni ta' rikonoxximent mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) fi ħdan il-Malta Further and Higher Education Authority (MFHEA), li tinkiseb billi timtela applikazzjoni online għar-rikonoxximent tal-kwalifiki fuq (https://services.mfhea.mt/CertificationApplication.aspx). Tali dikjarazzjoni għandha tkun annessa mal-applikazzjoni u l-oriġinali tiġi ppreżentata fl-intervista.

U jkollu/ikollha l-ħiliet imsemmija hawn:

Komunikazzjoni eċċellenti (kemm verbali kif ukoll bil-kitba) bl-Ingliż, u preferibbilment bil-Malti;

Għarfien u interess fis-setturi kulturali u tal-arti ta' Malta, u tal-ħidma tal-istrateġija tal-KMA;

Ħiliet organizzattivi u amministrattivi b'saħħithom, b'livell għoli ta' attenzjoni għad-dettalji;

Għarfien strateġiku sod u l-abbiltà li j/taħseb b'mod strutturat u orjentat lejn is-soluzzjonijiet;

Ħiliet interpersonali u tas-servizz tal-klijenti eċċellenti, bl-abbiltà li j/taħdem b'mod effettiv ma' firxa wiesgħa ta' partijiet interessati;

L-abbiltà li j/timmaniġġja bosta kompiti, j/taħdem taħt pressjoni, u j/tikkontribwixxi effettivament f'timijiet;

Livell għoli ta' motivazzjoni u r-rieda li j/titgħallem u j/tiżviluppa professjonalment;

A Diploma qualification at MQF Level 5 (30 ECTS minimum), or an appropriate, recognised comparable qualification in Arts and/or Cultural Management, Creative Industries and/or Entrepreneurship, Business Management and/or Administration or relevant areas,

OR

A post-secondary qualification at MQF Level 4 (60 ECTS minimum) or an appropriate, recognised comparable qualification in Arts and/or Cultural Management, Creative Industries and/or Entrepreneurship, Business Management and/or Administration.

Relevant work experience will be considered an asset.

Applicants holding foreign qualifications are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Malta Further and Higher Education Authority (MFHEA), which is to be obtained by submitting an online application for the recognition of qualifications at (https://services.mfhea.mt/CertificationApplication.aspx). Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

AND must have the below-listed skillset:

Excellent communication (oral and written) in English, and preferably Maltese;

Knowledge of, and interest in, Malta's cultural and arts sectors, and ACM's strategy work;

Strong organisational and administrative abilities, with a high level of attention to detail;

Sound strategic awareness and the ability to think in a structured, solution-oriented manner;

Excellent interpersonal and customer service skills, with the ability to work effectively with a wide range of stakeholders;

Ability to manage multiple tasks, work under pressure, and contribute effectively within a team environment;

High level of motivation and willingness to learn and develop professionally;

Kompetenza evidenti fl-użu ta' office software standard inkluż l-ipproċessar tal-kliem, is-spreadsheets, il-bażijiet ta' data u applikazzjonijiet oħrajn tal-kompjuter;

Għarfien tajjeb ta' proċessi bażiċi ta' prokuramenti;

Abbiltà li j/taħdem b'mod indipendenti b'superviżjoni minima.

Il-Kuntratt u Informazzjoni dwar il-Paga

Il-kandidat/a magħżul/a se j/tingħata Kuntratt ta' Servizz ta' tliet (3) snin bil-possibbiltà li dan jiġġedded għal perjodu ieħor, skont il-prestazzjoni tal-kandidat/a.

Il-kandidat/a i/twieġeb għad-Direttur (Strateġija) u l-Kap (Strateġija) tal-Kunsill Malti għall-Arti u j/taħdem b'ħinijiet flessibbli biex j/tilħaq għad-domandi u l-ħtiġiet tal-pożizzjoni. Il-kandidat/a magħżul/a se j/tkun meħtieġ/a isegwi/ssegwi r-regoli u r-regolamenti tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

Ir-remunerazzjoni hija dik ta' €29,000 (eskluża l-VAT iżda inkluż kwalunkwe taxxi u miżati oħra) fis-sena għal 40 siegħa kull ġimgħa.

Barra minn hekk, għat-tul tal-kuntratt, il-Fornitur tas-Servizz se j/tirċievi Bonus tal-Prestazzjoni fi tmiem is-sena sa massimu ta' 10% għad-diskrezzjoni tad-Direttur (Strateġija).

Il-pagament jiġi pproċessat kull xahar mill-Kunsill Malti għall-Arti kif tasal il-fattura li jrid ikollha numru tal-VAT validu.

Eliġibbiltà

Sal-ħin u d-data ta' skadenza ta' din is-sejħa għal applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż

Demonstrated competence in the use of standard office software, including word processing, spreadsheets, databases, and other computer applications;

Good understanding of basic procurement processes;

Ability to work independently with minimal supervision.

Contract and Salary Information

The selected candidate will be awarded a three (3) year Contract for Service, with the possibility to renew for a further period, depending on their performance.

Answerable to the Director (Strategy) and Head (Strategy) at Arts Council Malta and operating with flexible hours to meet the demands and requirements of the position, the chosen candidate will be required to work within the rules and regulations of the Malta Public Service.

The remuneration is of €29,000 (excluding VAT but including any other taxes or charges) per year for 40 hours per week.

In addition, for the duration of the contract, the Service Provider shall receive an end of year Performance Bonus up to a maximum of 10% at the discretion of the Director (Strategy).

Payment will be processed monthly by Arts Council Malta on receipt of an invoice with a valid VAT number.

Eligibility

By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of

b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li huma intitolati għal trattament ugwali bħal ċittadini Maltin f'kwistjonijiet ta' impjieg f'termini tal-liġi jew il-leġiżlazzjoni tal-UE u proviżjonijiet tat-trattat imsemmija hawn fuq, minħabba r-relazzjoni familjari ta' dawn il-persuni msemmija f'paragrafu (a), (b), jew (c); jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' resident għal żmien twil f'Malta taħt ir-Regolament 4 tar-Regolamenti dwar 'Status ta' Residenti għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi) tal-2006', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-'Regolamenti dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji, 2007'.

(f) persuni li għandhom dokument ta' residenza maħruġ skont it-termini tal-Istatus tar-Residenza taċ-Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja Tagħhom f'Malta skont il-Ftehim tal-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.

Il-pariri tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u l-Affarijiet tal-Espatrijati fi ħdan Identità għandhom jintalbu skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati li jaqgħu taħt punti (b), (c), (d), (e) u (f) imsemmija hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja ta' impjieg fil-każi li din tkun meħtieġa mill-Att dwar l-Immigrazzjoni u l-leġiżlazzjoni sussidjarja. F'dak il-każ, l-entità Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

Kif Tapplika

Applikanti interessati għandhom jibagħtu ittra ta' motivazzjoni flimkien ma' CV u kopji taċ-ċertifikati tagħhom lil (vacancies.acm@artscouncil.mt).

Id-data tal-għeluq tal-applikazzjoni hi nhar it-Tnejn, 6 ta' Lulju, 2026, f'nofsinhar.

L-applikanti eliġibbli se jintalbu jattendu intervista ta' selezzjoni.

It-12 ta' Ġunju, 2026

EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'.

(f) persons in possession of a residence document issued in terms of the Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations.

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d), (e) and (f) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. JobsPlus should be consulted as necessary on this issue.

How to Apply

Interested applicants are required to send a motivation letter together with a CV, and copies of certificates to (vacancies.acm@artscouncil.mt)

Closing date for applications is Monday, 6th July, 2026, at noon.

Eligible applicants will be asked to sit for a selection interview.

12th June, 2026

KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Pożizzjoni Vakanti fil-Kunsill Lokali ta' Birkirkara

Post Vakanti ta' Administration Officer I
(Skala 12)

Permess 468/2026

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1.1 Kandidati interessati u li jissodisfaw xi waħda mill-kriterji ta' hawn taħt, għandhom jibgħatu CV dettaljat flimkien ma' ittra ta' introduzzjoni u kopja taċ-ċertifikati permezz ta' ittra elettronika lil (christine-jo.mansueto.2@gov.mt) lis-Segretarju Eżekuttiv, jew bil-posta lill-uffiċċju tal-Kunisll Lokali Birkirkara sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 19 ta' Ġunju, 2026, f'nofsinhar.

1.2 Kriterji

(a) Fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta f'Livell 4 tal-MQF jew ogħla (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti) f'xi wieħed minn dawn is-suġġetti: Public Policy, Management, Business jew Office Administration, Riżorsi Umani, Taħriġ u Żvilupp, Finanzi, Accounts, Ekonomija, Amministrazzjoni Pubblika, Business Studies, Politika Soċjali, Relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u Internazzjonali, Teknoloġija tal-Informatika u ICT, Environmental Studies u studji relatati, komunikazzjoni, Soċjoloġija, Procurement, Studji Segretarjali jew suġġetti oħra f'oqsma ta' studju li l-Kunsill Lokali jidhirlu li huma rilevanti;

L-applikanti għandhom ikunu kapaċi jaħdmu f'ambjent ta' tim, jaħdmu fuq inizjattiva tagħhom stess, ikollhom ħiliet ta' komunikazzjoni tajba u jkunu lesti li jaħdmu sigħat flessibbli jekk ikun hemm bżonn.

1.3 Kwalunkwe persuna klerikali li taħdem f'kunsill lokali/kumitat reġjonali jew kwalunkwe persuna assenjata ma' kunsilli lokali fuq l-iskemi tal-Jobsplus li għandha r-rekwiżiti ta' hawn fuq hija eliġibbli biex tapplika, skont il-Klawsola 13 tal-Ftehim Kollettiv għall-ħaddiema Klerikali fil-Kunsilli Lokali u Reġjonali.

Il-persuni interessati li japplikaw għal din is-sejħa huma obbligati li jattendu għal intervista .

It-12 ta' Ġunju, 2026

BIRKIRKARA LOCAL COUNCIL

Vacancy with the Birkirkara Local Council

Vacant Post of Administration Officer I
(Salary Scale 12)

Permit No. 468/2026

Nomenclatures indicating the masculine gender shall also include the feminine gender.

1.1 Interested candidates who satisfy any of the criteria listed below are invited to submit a detailed CV together with a covering letter and copies of their certificates by email to (christine-jo.mansueto.2@gov.mt), addressed to the Executive Secretary, or by post to the Birkirkara Local Council offices, no later than Friday, 19th June, 2026, at noon.

1.2 Eligibility Criteria

(a) Be in possession of a recognised MQF Level 4 qualification or higher (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits or equivalent) in any of the following areas: Public Policy, Management, Business or Office Administration, Human Resources, Training and Development, Finance, Accounts, Economics, Public Administration, Business Studies, Social Policy, European Union and International Relations, Information Technology and ICT, Environmental Studies and related fields, Communication, Sociology, Procurement, Secretarial Studies, or other fields of study considered relevant by the Local Council.

Applicants must be capable of working in a team environment, able to work on their own initiative, possess good communication skills, and be willing to work flexible hours when required.

1.3 Any clerical employee working within a local council or regional committee, as well as any person assigned to local councils through Jobsplus schemes who satisfies the above requirements, is eligible to apply in accordance with Clause 13 of the Collective Agreement for Clerical Employees within Local and Regional Councils.

Applicants responding to this call are required to attend an interview.

12th June, 2026

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Post ta' Assistant Manager fid-Diviżjoni Nies u Standards fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Is-Segretarju Permanenti (Nies u Standards), Uffiċċju tal-Prim Ministru, tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Assistant Manager fid-Diviżjoni Nies u Standards fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' probation/prova ta' sitt (6) xhur.

2.2 Waqt il-perjodu ta' probation/prova, dawk appuntati jridu jkunu temmew b'suċċess kors ta' induzzjoni offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex ikunu eliġibbli għall-konferma tal-ħatra.

2.3 Is-salarju ta' Assistant Manager li jidħol fil-grad bir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà ta' paragrafu 4.1 (a) jew (c) huwa ta' Skala ta' Salarju 12, li fis-sena 2026 huwa ta' €23,816.00 fis-sena, li jiżdied bi €354.00 fis-sena sa massimu ta' €25,940.00.

2.4 Persuna fil-grad ta' Assistant Manager fi Skala ta' Salarju 12 titla' għal Skala 11, li fis-sena 2026 hija ekwivalenti għal €25,435.00 fis-sena, li tiżdied b'żidiet annwali ta' €375.17 sa massimu ta' €27,686.02 mal-kisba ta' Diploma fil-Livell 5 tal-MQF kif imsemmija fil-paragrafu 4.1 (b).

2.5 Persuna fil-grad ta' Assistant Manager li tissodisfa l-klawsola 4.1 (b) titpoġġa fi Skala ta' Salarju 11, u titla' fi Skala 10 (€27,055.98 x €407.67 - €29,502.00 fl-2026) wara tliet (3) snin servizz bħala Assistant Manager fi Skala ta' Salarju 11, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.6 Il-persuni maħtura jkunu intitolati wkoll għall-ħlas ta' allowance tal-klassi ta' €500, suġġett għall-politiki tal-Amministrazzjoni Ċentrali li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien.

2.7 Mhux se jkun possibbli li jintalab trasferiment qabel perjodu ta' sentejn (2) mill-ħatra. Hekk kif jiskadi l-imsemmi perjodu ta' sentejn (2), dawk appuntati jistgħu jiġu biss trasferiti fuq talba tagħhom sabiex jaqdu dmirijiet xi mkien ieħor, skont il-postijiet vakanti stabbiliti.

2.8 Ir-riżultat ikun validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Post of Assistant Manager in the People and Standards Division within the Office of the Prime Minister

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Permanent Secretary (People and Standards), Office of the Prime Minister, invites applications for the post of Assistant Manager in the People and Standards Division within the Office of the Prime Minister.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary/trial period of six (6) months.

2.2 During the probationary/trial period, appointees must successfully complete appropriate induction programmes organised by the Institute for the Public Services to be eligible for confirmation of appointment.

2.3 The salary for the post of Assistant Manager for those applicants entering into the grade under the eligibility provisions of paragraph 4.1 (a) or (c) is Salary Scale 12, which in the year 2026 is equivalent to €23,816.00 per annum, rising by annual increments of €354.00 up to a maximum of €25,940.00.

2.4 An Assistant Manager in Salary Scale 12 will progress to Scale 11, which in the year 2026 is equivalent to €25,435.00 per annum, rising by annual increments of €375.17 up to a maximum of €27,686.02, on attainment of the MQF Level 5 Diploma referred to in paragraph 4.1 (b).

2.5 An Assistant Manager who satisfies the eligibility provision of paragraph 4.1 (b) will be placed in Salary Scale 11, and will progress to Scale 10 (€27,055.98 x €407.67 - €29,502.00 in 2026) on completion of three (3) years service as Assistant Manager in Salary Scale 11, subject to satisfactory performance.

2.6 Appointees will also be entitled to the payment of an annual class allowance of €500, subject to Central Administration's policies in force from time to time.

2.7 It will not be possible to request a transfer before a two (2) year period from date of appointment. On the lapse of a two (2) year period, appointees may only be transferred at their own request to carry out duties elsewhere in accordance with established vacancies.

2.8 The result will be valid for a period of two (2) years from the date of publication.

2.9 Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post/pożizzjoni li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

2.10 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru, 2023, u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar, 2024, il-bord tal-għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunke kunflitt ta' interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċettaw ħatra, permezz tad-Dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli minn (https://peopleandstandards.gov.mt/mt/homepage)).

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Assistant Manager huma:

i. Iwettaq dmirijiet relatati mal-Immaniġġjar tan-Nies bħall-ingaġġ, movimenti u żamma ta' impjegati;

ii. Iżomm rekords u fajls aġġornati u statistika relatata mar-rwol assenjat, u jwieġeb għall-mistoqsijiet permezz ta' korrispondenza, ittri elettroniċi, bit-telefown jew kuntatt personali;

iii. Iwettaq verifiki relatati mal-Immaniġġjar tan-Nies fil-ministeri u l-entitajiet rispettivi biex jivverifika li proċeduri ta' standard stabbiliti u l-implimentazzjoni tal-proċessi delegati qegħdin jiġu rispettati;

iv. Jindirizza talbiet u każijiet, inkluż grievances, li jidħlu fil-One-Stop-Shop għall-Uffiċjali Pubbliċi, jipprovdi risposti fil-ħin u jassigura l-implimentazzjoni f'waqtha u korretta tar-rakkomandazzjonijiet;

2.9 Selected candidates must be of conduct which is appropriate to the post/position applied for. Prior to appointment, selected candidates from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications, which should be submitted by the selected candidate within one (1) week from the date of the notification of appointment.

2.10 In terms of the requirements emanating from Directive 16, regarding the 'Governing Framework for Preventing and Managing Conflicts of Interest in the Public Administration', issued by the Principal Permanent Secretary on 27th November, 2023, and which came into force on 1st February, 2024, the selection board will assess candidates' previous employments to assess potential conflicts of interest. In this respect, candidates are to provide a completely updated CV, including qualifications and employment history with their application. Any potential conflict of interest matters noted will be reported to the respective Permanent Secretary, to ensure that should the candidate be recruited, such conflicts of interest would be appropriately managed.

Moreover, selected candidates are to report any known actual, potential or apparent conflicts of interest prior to accepting an appointment, through the prescribed Declaration available at Appendix 1 to Directive 16 (available from (https://peopleandstandards.gov.mt/mt/homepage)).

Duties

3.1 The job duties for the post of Assistant Manager include:

i. Carries out duties related to People Management including recruitment, movements and retention of employees;

ii. Maintains updated records and files and statistics pertaining to the assigned remit, and attends to queries through correspondence, email, telephone or personal contact;

iii. Carries out compliance checks related to People Management within ministries and entities as required, in order to verify that established standard procedures and the implementation of delegated processes are being adhered to;

iv. Attends to queries and cases, including grievances, received through the One-Stop-Shop for Public Officers, provides timely replies and follows up on the implementation of recommendations;

v. Jagħmel ittri jew rapporti relatati ma' sitwazzjonijiet skont id-doveri li jkunu fis-seħħ;

vi. Jikkomunika ma' diversi partijiet interessati skont il-ħtieġa, u jassisti fl-organizzazzjoni ta' sensibilizzazzjoni regolari u sessjonijiet ta' taħriġ mal-ministeri u entitajiet tal-Gvern rispettivi;

vii. Jassisti fit-tweġibiet ta' mistoqsijiet parlamentari u każijiet tal-Ombudsman u jagħmel rapporti, preżentazzjonijiet, speaking notes u sottomissjonijiet oħra kif ikun meħtieġ;

viii. Jagħmel riċerka, janalizza r-riżultati u jħejji rapporti dwar ir-riżultati;

ix. Jorganizza u jipparteċipa f'laqgħat u jżomm minuti tad-deċiżjonijiet meħuda waqt il-laqgħat;

x. Jipprovdi appoġġ u gwida lill-impjegati dwar il-kundizzjonijiet tal-impjieg, u applikazzjonijet għal leave speċjali, miżuri ta' bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol, u prattiki moderni fuq il-post tax-xogħol;

xi. Jassisti fit-tnedija u aġġornament ta' policies maniġerjali, manwali, kodiċi, regolamenti u templates sabiex jirriflettu l-ħtiġiet dinamiċi tal-Amministrazzjoni Pubblika moderna;

xii. Jassisti fl-evalwazzjoni tal-proċessi tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards;

xiii. Jagħmel doveri relatati mal-inventarju tad-Direttorat u x-xiri ta' kartolerija;

xiv. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

v. Draws letters or reports related to matters within the remit of the duties being carried out;

vi. Liaises with various stakeholders accordingly and carries out regular outreach and training sessions with line ministries and entities;

vii. Drafts timely replies to parliamentary questions and Ombudsman cases, reports, presentations, speaking notes and any other submissions as required;

viii. Carry out research, analyses results and draws reports on findings;

ix. Organises and participates in meetings and keeps minutes of decisions taken during the meetings;

x. Provides support and guidance to employees and line ministries regarding conditions of employment and applications on special leaves, work-life balance measures, and modern work practices;

xi. Assists in the reviewing and updating of management policies, manuals, codes, regulations and related templates to reflect the dynamic requirements of a modern Public Administration;

xii. Assists in the evaluation of the People and Standards Division's processes;

xiii. Carries out duties related to the Directorate's inventory and procurement of stationary;

xiv. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan a Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. ikunu profiċjenti fil-lingwa Maltija u fil-lingwa Ingliża;

U

iii. fil -pussess ta' Diploma rikonoxxuta fil-Livell 4 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 120 krettu ECTS, jew ekwivalenti*) fil-Work u Human Resources Management jew Training u Development jew Public Management jew Corporate Governance u Leadership jew Leadership u Organisational Behaviour jew Management u Leadership jew Strategy jew Leadership u Change Management jew Industrial Relations u Workplace Learning jew Human Resources Management jew Public Policy jew Management jew Public Administration jew Law jew Communications jew Project Management jew Quality Management jew Research jew Public Projects jew People Management jew Accountancy jew Marketing jew Psychology jew f'oqsma rilevanti kif determinat mill-maniġment.

JEW

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted Long-term resident status in Malta under regulation 4 of the Status of Long-term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006 or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the Family Reunification Regulations, 2007; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. must be proficient in the Maltese and English languages;

AND

iii. in possession of a recognised Diploma at MQF Level 4 (subject to a minimum of 120 ECTS credits, or equivalent*) in Work and Human Resources Management or Training and Development or Public Management or Corporate Governance and Leadership or Leadership and Organisational Behaviour or Management and Leadership or Strategy or Leadership and Change Management or Industrial Relations and Workplace Learning or Human Resources Management or Public Policy or Management or Public Administration or Law or Communications or Project Management or Quality Management or Research or Public Projects or People Management or Accountancy or Marketing or Psychology or in relevant areas as determined by management.

OR

iv. fil-pussess ta' Diploma rikonoxxuta fil-Livell 5 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS, jew ekwivalenti*) fil-Work u Human Resources Management jew Training u Development jew Public Management jew Corporate Governance u Leadership jew Leadership u Organisational Behaviour jew Management u Leadership jew Strategy jew Leadership u Change Management jew Industrial Relations u Workplace Learning jew Human Resources Management jew Public Policy jew Management jew Public Administration jew Law jew Communications jew Project Management jew Quality Management jew Research jew Public Projects jew People Management jew Accountancy jew Marketing jew Psychology jew f'oqsma rilevanti kif determinat mill-maniġment.

JEW

c. (i) fil-pussess ta' żewġ (2) suġġetti fil-Livell Avvanzat u tliet (3) suġġetti fil-Livell Intermedju tal-Matrikola jew kwalifika komparabbli pertinenti rikonoxxuta.

JEW

(ii) fil-pussess ta' tliet (3) suġġetti fil-Livell Avvanzat.

*Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma' 120/60 krettu ECTS, hekk kif applikabli, hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-klawsola 5.4 tad-dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali).

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

4.2 (i) Kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward

iv. in possession of a recognised Diploma at MQF Level 5 (subject to a minimum of 60 ECTS credits, or equivalent*) in Work and Human Resources Management or Training and Development or Public Management or Corporate Governance and Leadership or Leadership and Organisational Behaviour or Management and Leadership or Strategy or Leadership and Change Management or Industrial Relations and Workplace Learning or Human Resources Management or Public Policy or Management or Public Administration or Law or Communications or Project Management or Quality Management or Research or Public Projects or People Management or Accountancy or Marketing or Psychology or in relevant areas as determined by management.

OR

c. (i) in possession of two (2) subjects at Advanced Level and three (3) subjects at Intermediate Matriculation Level or a recognised pertinent comparable qualification.

OR

(ii) in possession of three (3) subjects at Advanced Level.

*A recognised qualification comparable to 120/60 ECTS credits, as applicable, is only accepted subject to an MQRIC formal recognition statement being submitted with the application (subject to the provisions of clause 5.4 of the General Provisions document).

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2 (i) Candidates who have not yet formally obtained any of the abovementioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(ii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or

tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

4.3 Kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 iii (a) sa 4.1 iii (c) jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf), xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika fi żmien sena mid-data tal-ħatra tagħhom. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

